**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Lulju 2021**

**Avviz nru: 58/2020 MLF**

**DAAA Haus Limited**

**vs**

**Andre Chetcuti**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta attrici fejn talbet li l-konvenut jigi ikkundannat ihallasha s-somma ta' tmint elef tmien mija u hamsin Ewro (€8850), rapprezentanti l-ammont kostitwit bhala debitu permezz ta' skrittura bejn il-kontendenti

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u bl-imghax bl-oghola rata permessa mill-ligi kontra l-intimat

Rat li l-konvenut debitament notifikat naqas li jipprezenta risposta u li jidher fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2021

Rat li fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2021 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta tal-lum il-konvenut msejjah tlett darbiet naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Pero, fis-seduta tal-lum xehdet Shirley Manduca in rapprezentanza tas-socjeta attrici li pprezentat l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu datata 4 ta' Marzu 2019, bejn is-socjeta attrici u l-konvenut, u ddikjarat li l-ammont prezentement dovut mill-konvenut huwa ta' €7,765, stante pagamenti li saru akkont tal-ammont inizzjalment dovut, u ipprezentat ir-rendikont relattiv.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-provi kollha migjuba, it-talba tas-socjeta attrici tirrizulta gustifikata ghall-ammont ta' €7,765.

**Konkluzjoni**

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' limitatament it-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sebat elef seba' mija u hamsa u sittin Euro (€7,765), bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mar-rikors promotur ta' dawn il-proceduri, ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**